MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2009

Citazzjoni Numru. 670/2008

**Pablo Cachia magħruf bħala Pablo Cachia Belli.**

**-vs-**

**Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku.**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fl-1 ta' Lulju, 2008 li permezz tiegħu r-rikorrenti espona bir-rispett:

1. Illi r-rikorrenti twieled fil-31 ta' Ottubru tas-sena 1983 u t-twelid tiegħu ġie reġistrat bl-att tat-twelid li jġib in-numru 5443/1983 anness u mmarkat bħala Dok. 'PC1';

2. Illi l-kunjom tal-missier skond kif muri fl-imsemmi att tat-twelid huwa "Cachia" mentri fil-fatt huwa magħruf bħala "Cachia Belli";

3. Illi r-rikorrenti konsistentement jiġi msejjaħ bil-kunjom "Cachia Belli" minflok bil-kunjom "Cachia" kif muri fl-imsemmi Att tat-Twelid;

4. Illi r-rikorrenti jixtieq li ssir reġistrazzjoni tal-kunjom illi l-istess rikorrenti, kif ukoll il-familja tiegħu jużaw, *ossia* "Cachia Belli" peress illi dan huwa l-kunjom illi bih ir-rikorrenti u l-familja tiegħu huma magħrufin jiġu konsistentement imsejħin;

Għaldaqstant l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex għar-raġunijiet premessi:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi li l-kunjom "Cachia Belli" huwa l-kunjom illi bih ir-rikorrenti huwa konsistentement imsejjaħ minflok bil-kunjom illi jidher fl-att tat-twelid relattiv;

2. Tordna li jiġi mdaħħal annotament fil-marġini taċ-ċertifikat tat-twelid ta' l-attur numru 5443/1983 li jindika li huwa magħruf bil-kunjom "Cachia Belli";

3. Tordna li l-bdil effettwat fl-att tat-twelid bir-reġistrazzjoni relattiva jiġi rifless f'kull att ta' l-istat ċivili relattiv għall-istess attur jekk ikun il-każ.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat illi hu minn issa nġunt għas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u l-lista tad-dokumenti.

Rat ir-risposta tal-konvenut id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, ippreżentata fid-29 ta' Ottubru, 2008, li permezz tiegħu espona bir-rispett u bil-ġurament tiegħu kkonferma:

1. Illi preliminarjament l-esponent joġġezzjona għat-talbiet kif dedotti fir-rikors ġuramentat *stante* li *prima facie* jirriżulta mill-Att tat-Twelid tar-rikorrent li jġib in-numru progressiv ta' iskrizzjoni 5443 tas-sena 1983 li l-kunjom ta' missieru, u *cioe'* l-kunjom legali tar-rikorrent, huwa Cachia u mhux Cachia Belli kif qed jiġi allegat

sakemm ir-rikorrent ma jġibx provi a sodisfazzjon ta’ din l-Onorabbli Qorti li fid-data tat-twelid tiegħu, il-kunjom ta’ missieru kien Cachia Belli.

2. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent jirrileva li fi kwalunkwe każ l-azzjoni odjerna m’hijiex attribwibbli għal xi nuqqas ta’ l-esponent li m’għandux ibati l-ispejjeż ta’ l-istanti *stante* illi d-dikjarant fuq l-Att tat-Twelid in kwistjoni kien missier ir-rikorrent Emanuel Cachia li kien obbligat li jivverifika li l-informazzjoni li ddikjara u ffirma għaliha kienet korretta.

3. Illi *ai termini* ta’ l-Artiklu 4(3) tal-Kapitlu 16, it-tfal jistgħu jżidu kunjom xbubit ommhom wara dak ta’ missierhom, pero’ l-liġi ma tagħti l-ebda dritt lil persuna biex iżżid il-kunjom tan-nanna paterna wara l-kunjom ta’ missierhom.

4. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost ukoll, ir-rikorrent irid jindika l-Atti ta’ l-Istat Ċivili l-oħra, jekk hu l-każ, li qed jitlob li jiġu korretti *ai termini* ta’ l-Artiklu 253(3) tal-Kapitlu 16.

5. Illi għandha ssir il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* ta’ l-Artiklu 254 tal-Kapitlu 16 tal-Liġijiet ta’ Malta.

6. Salv eċċezzjonijiet oħra.

Tant għandu l-esponent x’jeċċepixxi għas-savju ġudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti.

Rat il-lista tax-xhieda u l-lista tad-dokumenti.

Rat l-affidavit ta’ l-attur, ta’ Rita Cachia, u ta’ Emanuel Cachia Belli.

Rat id-dikjarazzjonijiet ta’ Glenn Bedingfield, ta’ Chris Agius u ta’ Joseph Scerri.

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta’ Jannar, 2009 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet.

Ikkunsidrat;

Illi din hija azzjoni *ai termini* ta’ l-Artiklu 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li tagħti dritt ta’ azzjoni biex jiġi korrett xi att ta’ l-istat ċivili ta’ persuna.

Jirriżulta li t-talbiet tar-rikorrenti huma ġustifikati billi sar żball, pero’ ċertament m’huwiex imputabbli lill-intimat illi allura ma għandux jeħel spejjeż.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi tilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti. L-ispejjeż jitħallsu mir-rikorrenti.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------